# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum, 26 ta' Gunju 2024

**Rik. Gur. Nru.: 172/2022 JPG**

**Kawza Nru.: 23**

**(1) MM f'isimha propju u**
**in rapprezentanza tal-minuri JM**
**(2) MD**
**Vs**
**(1) KS u**
**(2) Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta' Awwissu 2022, a fol 1 et seq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-attrici MM kienet mizzewga lill-konvenut KS izda din ilha separata de facto minn ma zewgha ghal diversi snin;*

2. *Illi minn relazzjoni ohra li l-attrici twieldet tarbija, il-minuri JM, li twieldet f'X;*

3. *Illi l-imsemmija paternita' ser tigi ppruvata u determinata permezz ta' provi genetici hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok LS 1';*

4. *Illi ghalkemm il-minuri msemmija hija wild naturali tal-attur MD, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija tarbija bin-numri ta' iskrizzjoni 5460/2012 gie rregistrat il-konvenut KS bhala l-missier naturali tal-minuri;*

5. *Illi ghalhekk jehtieg li jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri JM, li ghandu numru ta'iskrizzjoni 5460/2012;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umiltment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri JM mhix il-wild naturali tal-konvenut KS;*

2. *Tiddikjara illi l-minuri JM hija filfatt il-wild naturali tal-attur MD;*

3. *Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri JM li huwa iskritt bin-numru 5460/2012 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-prezent jindika "KS" jigu inseriti l-konnotati tal-attur rikorrenti MD, u cioe' isem u kunjom l-attur rikorrenti, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom il-missier l-attur rikorrenti, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.*

4. *Finalment, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbiklu sabiex fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri JM, li huwa iskritt bin-numru 5460/2012, fil-kolonna fejn hemm indikat "isem il-wild" u li fil-prezent jindika "JM" dan jinbidel ghal "JMD" sabiex dan jirrifletti il-kunjom tal-omm u dak tal-missier naturali, cioe tal-attur MD.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti, gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur ghar-Registru Pubbliku datata 31 ta' Ottubru 2022, a fol 15 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi b'referenza partikolari għall-paternità in kwistjoni tal-minuri JM, l-esponent jissottometti illi mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat u li għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kif spjegati fil-premessi tar-rikors ġuramentat promotur, sabiex ikunu jistgħu jintlaqgħu it-talbiet attriċi, jeħtieġ li r-rikorrenti tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u b'mod konvinċenti turi li l-pussess ta' stat tal-minuri JM ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tagħha;*

3. *Illi r-rikorrenti għandha fuqha wkoll l-oneru li ġġib il-prova illi fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid ta' bintha minuri, hija wettqet adulterju u di piu' trid tipprova, inter alia, tramite r-riżultat ta' testijiet ġenetiċi illi għandhom jiġu maħlufa mill-persuna teknika illi wettqithom, illi l-missier naturali tal-imsemmija minuri huwa r-rikorrent MD u mhux l-intimat KS;*

4. *Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, f'każ li jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet attriċi minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jistieden lir-rikorrent MD sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-identità tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieldet il-minuri JM, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri, (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru (in-nannu*

*patern) u (7) Jekk missieru kienx ħaj meta twieldet il-minuri JM. Tali informazzjoni tkun meħtieġa biex eventwalment tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri, innumerat 5460/2012;*

5. *Illi f'każ li jintlaqgħu it-talbiet attriċi, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem KS, senjatament fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-att tat-twelid ta' JM għandhom, flimkien mal-konnotati ta' KS, jiġu kkanċellati mill-istess att tat-twelid. Għaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma illi għandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir talba speċifika f'dan ir-rigward għall-finijiet ta' kompletezza;*

6. *Illi in oltre, in kwantu fit-tielet talba attriċi ssir referenza għal "kull att iehor relattiv u sussegwenti" li jappartjeni lill-minuri, l-esponent jirrileva illi jekk jeżistu atti oħrajn li fihom huma meħtieġa xi korrezzjonijiet, l-atturi għandhom jispeċifikaw liema huma dawn l-atti ta' stat ċivili, bin-numru progressiv u s-sena relattiva ta' kull wieħed;*

7. *Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, u f'każ illi jintlaqgħu l-ewwel tliet talbiet attriċi, l-esponent jirrileva illi ma teżisti ebda kolonna fuq l-Att tat-Twelid intestata 'Isem u Kunjom il-Wild'. Isegwi għalhekk illi l-korrezzjoni mitluba f'kunjom il-minuri għandha ssir fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom', u għalhekk ir-rikorrenti għandhom jitolbu korrezzjoni anke f'din it-talba;*

8. *Illi l-esponent jifhem li permezz tal-proċeduri odjerni, l-atturi fir-raba' talba tagħhom qed jitolbu wkoll tibdil f'isem il-minuri, fis-sens illi minflok 'JM', qed jitolbu li l-istess minuri tiġi indikata biss bħala 'J'. Tali tibdil fl-isem mhix possibbli fi proċeduri ta' paternita', bħal dik mibdija mir-rikorrenti, stante illi għandu jsir permezz ta' proċeduri appożiti mibdijin quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili jew quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Isegwi għalhekk illi l-esponent qiegħed joġġezzjona għat-tibdil fl-isem tal-minuri, stante n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward;*

9. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.*

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' April 2023, minkejja li l-intimat KS gie debitament notifikat skond il-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, huwa baqa' ma ntavolax risposta u ghalhekk gie dikjarat kontumaci;

Rat illi l-attrici talbet korrezzjoni fir-raba talba,sabiex ma isem il-minuri tizidied il-kelma " M" sabiex il-wild tigi maghrufa bhala JMD;

Rat illi l-Qorti laqghet din it-talba u konsegwentement id-Direttur tar-Registru Pubbliku irtira t-tmien ecezzjoni;

Rat illi l-Qorti akkordat ghaxart ijiem zmien lill-intimat KS sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda baqa indempjenti;

Rat in-nota tal-attrici MM *a fol 53 et seqq;*

Rat ir-rikors ta' MM datat 9 ta' April 2024 a fol (56 et seqq) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rta id-digriet ta' din il-Qorti datat 22 ta' April 2024 a fol 57 et seqq;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet viva voce nhar is- 6 ta' Lulju 2023 (vide fol 37 et seqq)*** u spjegat illi ghalkemm ghadha legalment mizzewgha, ilha ormai separata de facto minn ma' zewgha ghall-aktar minn hmistax (15) – il sena. Ziedet illi ghalkemm hija bdiet proceduri legali ghas-separazzjoni, hija tixtieq illi l-ewwel jigi regolat l-istat ta' bintha. L-attrici xehdet illi kemm ilha li sseparat b' mod de facto minn ma' zewgha, hi m'ghandha l-ebda informazzjoni dwaru. Fil-fatt hi kellha relazzjoni mal-intimat MD u kienet minn din ir-relazzjoni li twieldet il-minuri. L-attrici ikkonfermat illi l-intimat MD li mieghu ghadha f'relazzjoni, dejjem ha hsiebhom u kien ta wens ghall-attrici u bintha izda minhabba li ghadha mhux legalment separata minn ma' zewgha, il-minuri awtomatikament giet registrata bhala wild zewgha meta twieldet. Illi meta giet biex tghammed lill-minuri, il-Kurja kienet accettat li jitnizzel isem MD flok dak ta'zewgha, u l-istess meta l-minuri telghet bil-polza ghall-iskola tal-Knisja. Stqarret illi MD minn dejjem kien involut fil-hajja tal-minuri.

L-attrici kkonfermat id-DNA Test ezebiet in atti.

***L-intimat MD xehed permezz ta'affidavit (vide fol 47 et seqq)*** u spjega illi hu u l-attrici ilhom f'relazzjoni ma'xulxin ghal dawn l-ahhar hmistax (15) – il sena. Sahaq illi qabel ma bdew ir-relazzjoni taghhom, l-attrici kienet mizzewgha lil KS, izda meta huma iltaqghu u bdew johorgu flimkien, l-attrici kienet diga' de facto separata minn ma' zewgha. Illi l-minuri JM twieldet mir-relazzjoni tieghu u tal-attrici u l-minuri taghraf lilu bhala missier minn dejjem u huma dejjem ghexu flimkien bhala familja. Illi peress li l-attrici legalment ghadha mizzewgha lill-imsemmi AS, l-imsemmi gie mnizzel bhala missier il-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid. Irrileva illi d-DNA test sar biss ghall-fini ta' dawn il-proceduri, ghaliex hu jaf li l-minuri hija bintu.

***Charlot Cassar, Kap tal-Iskola Primarja Haz-Zabbar, xehed permezz ta'affidavit (vide fol 50 et seqq)*** u spjega illi l-minuri kienet studenta fl-iskola bejn Settembru 2019 u Gunju 2023, u tul il-hajja skolastika tal-minuri, **is-Sur AS qatt ma kien prezenti** u qatt ma ghamel kuntatt mal-iskola.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat KS gie debitament notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti permezz tal-procedura ta' affissjoni u publikazzjoni, huwa baqgha kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.,*** Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

L-Artiklu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:

> ***77.Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:***
>
> ***(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew***
>
> ***(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel.***

Gie ritenut illi l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***"…hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm, l-missier naturali tat-tarbija u lill-istess ulied kemm ta' l-attur u tal-konvenuta peress li din il-kawza hija disponibbli ghal kull min ghandu nteress, inkluz ghalhekk l-istess ulied ta' l-attur, apparti r-ragel tal-omm l-ulied mertu tal-kawza odjerna. "Illi dan ghaliex il-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' persuna. "Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond l-artikolu 77 sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok abbazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid***

***ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.***[1]

Illi permezz tal-emendi introdotti bl-Att XXIII tas-sena 2010 gew introdotti s-segwenti dispozizjonijiet:

***77A.Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekkxi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

***77B.It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u proviġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

***77.C Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-***

[1] Qorti Civili Sezzjoni Familja deciza nhar it-30th ta' Gunju 2004 fl-ismijiet: Ryamond Magro et vs Ritra Magro et.

***każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild:***

***Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors ġuramentat mill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled u, jekk ikun possibbli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-wild, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B:***

***Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun serjassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użuma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu***

Illi huwa necessarju ghalhekk li jigi ezaminat ukoll l-artikolu 81 citat fl-imsemmija artikoli. Dan jipprovdi:

***(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***

***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***

Gie rilevat illi:

> ***"Peress li l-artikolu 77 u 77A huma subordinati ghall-artikolu 81, isegwi illi jekk l-att tat-twelid juri li tifel jew tifla huwa imnissla jew imwielda matul iz-zwieg u ghandhom il-pussess ta' stat ta' tifel jew tifla imnissla jew imwielda matul iz-zwieg, allura hadd, lanqas l-istess tifel jew tifla, ma jistghu jadixxu lill-Qorti u jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja li huma wild missier differenti mir-ragel ta' ommhom. Meta jikkonkorru l-elementi kontemplati fl-artikolu 81, il-ligi nostrana taghti valur notevoli lill-pussess ta' stat ta' wild imwieled minn koppja mizzewga."*** [2]

Illi ghandha ukoll ssir referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili:

> ***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***
>
> ***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***
>
> ***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
> ***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
> ***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
> ***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet ***Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe***, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> ***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li rrealtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali***

---

[2] Vide AB et vs Direttur tar-Registru Pubbliku et deciza mill-Qorti tal-Familja preseduta mill-Onor Imhallef R G Mangion deciza nhar it-30 ta' Novembru 2016.

> ***li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kienitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.***

Illi tal-istess hsieb kienet il-Prim Awla fis-sentenza fl-ismijiet: "***Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"*** (deciza mill-Onor Mhallef R C Pace nhar it-13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'referenza ghall-fatti f'dik il-kawza li:

> ***"Dwar l-artikolu 81 … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghraf illi l-minuri JM twieldet fl-14 ta' Settembru 2012 u giet registrata bhala bint KS stante li l-attrici u l-intimat AS ghadhom mhux legalment separati. Illi pero' kif ikkonfermaw l-attrici u MD fit-testimonjanzi rispettivi taghhom, sakemm l-attrici kienet de facto separati minn ma zewgha, huma kellhom relazzjoni, u li minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri. MD fl-affidavit tieghu spjega illi hu u l-attrici ilhom flimkien hmistax (15) – il sena u li d-DNA test, li gie kkonfermat ukoll minn Dr Marisa Cassar, sar biss ghal fini tal-proceduri odjerni ghaliex hu ma kellu l-ebda dubju dwar il-paternita tal-minuri. Illi mix-xhieda in atti jirrizulta illi l-imsemmi intimat KS lanqas biss jaf bl-ezistenza tal-minuri, u qatt ma kien involut fit-trobbija taghha. Illi fil-fatt Charlot Cassar, Kap tal-Iskola Primarja Haz-Zabbar, li xehed permezz ta'affidavit (vide fol 50 et seq***)*** spjega illi l tul il-hajja skolastika tal-minuri, AS qatt ma kien prezenti u qatt ma ghamel kuntatt mal-iskola.

Illi l-attur MD xehed illi hu, l-attrici u l-minuri dejjem ghexu bhala familja, u li l-minuri hija maghrufa bhala binthom. L-attrici *viva voce* xehdet illi kien dejjem ir-rikorrenti MD li hadem ghalihom, dejjem ha hsiebhom u tul is-snin kien dejjem ta' sostenn ghalihom. Iddikjarat illi hi tilfet kull kuntatt minn ma'zewgha minn dakinhar li sseparaw b'mod *de facto.* Illi tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula hija l-fehma konsiderata ta'din il-Qorti illi jidher car mill-fatti fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellha l-pussess ta' stat ta' bint legittima li jaqbel mal-att tat-twelid taghha.

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 41 et seq,* it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut MD u l-minuri JM jistabilixxu illi MD huwa l-missier bijologiku tal-minuri. Illi ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi MD huwa l-missier bijologiku tal-minuri bint il-partijiet. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita minghajr ombra ta' dubbju. Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."*** [3]

u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u qed jigu milqugha.

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tintavola dawn il-proceduri. (Vide digriet a Fol 57);

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

[3] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

> "*Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra.*"

Rat ukoll illi t-tieni proviso tal-Artikolu 77 jipprovdi illi:

> "*Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.*"

Relevant wkoll huwa r-raba' proviso tal-Artikolu 92 (1) tal-Kodici Civili illi jipprovdi li:

> "*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier.*"

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu illi kunjom il-minuri jinbidel u jsir MMD sabiex jirrifletti l-kunjom tal-attur MD bhala l-missier bijologiku. Il-Qorti rat illi l-minuri twieldet f'X u kien biss fid- 9 ta' Awwissu 2022 li l-atturi ntavolaw il-proceduri odjerni. L-attrici xehdet illi kien biss issa li bdiet tirriskontra problemi minhabba kunjom il-minuri, u dana peress li diversi istituzzjonijiet xorta wahda kienu rrikonoxxu lill-attur MD bhala l-missier tal-minuri. Illi llum il-minuri ghandha X sena u nofs. Illi filwaqt illi l-Qorti tqis illi huwa censurabbli illi r-rikorrenti, qua l-genituri tal-minuri, damu jistennew tant sabiex jinizjaw proceduri permezz ta' liema jista' jinbidel l-kunjom tal-minuri, madankollu, u in vista tal-kummenti li qieghda tirrskontra l-minuri mill- u tal-fatt illi l-minuri trabbiet minn dejjem bhala bint l-attur MD, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax illi l-minuri ser tigi pregudikata bil-bidla fil-kunjom. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din it-talba ghandha tigi milqugha u ghalhekk tordna illi l-minuri minflok bil-kunjom "ASM" ghandha tkun maghrufa bil-kunjom "MD"sabiex b'hekk il-paternita' vera tal-minuri tkun fl-ahhar giustament riflessa fl-att tat-twelid.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:**

1. **Tiddikjara li KS ma hux il-missier naturali tal-minuri JM imwielda nhar X;**

2. **Tiddikjara li l-minuri JM hija effettivament il-wild naturali ta' MD detentur tal-karta tal-identita bin-numru Y;**

3. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' JM liema att ghandu n-numru 5460/2012 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

    **Ihassar il-kliem "KS" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "MD"; ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija; fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri ihassar il-karta ta; lidentita' Numru 27235A minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita "12567M"; ihassar**

**n-numru "30" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "46"; fil-kolonna "Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija inizzel l-post "Bormla"; ihassar il-kliem "AS" u minflok inizzel il-kliem "CD" li kien "Mejjet" meta twieldet il-minuri fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet".**

**4. Tordna illi kunjom il-minuri JM ghandu jigi sosstitwit minn 'ASM ghal 'MD.'**

**L-ispejjeż, inkluzi dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi fi kwoti indaqs.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**